



Il-Kummissjoni
Ewropea

IL-ĠINGĦA EWROPEA GĦALL-ĦILJET VOKAZZJONALI



2018 | Sett ta' għodod dwar il-komunikazzjoni

#DiscoverYourTalent

Impjegi, oġġarjiet
soċjali u inklużjoni

Dwar xiex inhi l-kampanja?

Il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali hija inizjattiva annwali mill-Kummissjoni Ewropea biex titqajjem kuxjenza dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) u biex dawn isiru aktar attraenti. Il-Ġimgħa timmira li tagħmel l-ETV aktar attraenti permezz ta' kombinazzjoni ta' avvenimenti li jsejtnu madwar l-Ewropa kollha - fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali. Hija tfittex li turi l-għadd kbir ta' opportunitajiet li l-ETV jista' jipprovdi liż-żgħażaġh, lill-adulti, u lill-kumpaniji.

Il-Ġimgħa nnifisha ssejtnu bejn il-5 u d-9 ta' Novembru 2018 fit-28 Stat Membru, fiż-ŻEE u fil-pajjiżi kandidati tal-UE. Attivitajiet organizzati minn Settembru sa Diċembru 2018 jistgħu jiġu assoċjati ma' din il-Ġimgħa.

Il-motto tal-inizjattiva huwa "Skopri t-talent tiegħek!" Hija tfittex li turi li kull persuna għandha talent u li l-ETV jista' jipprovdi lin-nies bil-ħiliet, bl-għarfien u bil-kompetenzi neċessarji biex jirnexxu fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà b'mod ġenerali.

Kif tuża dan is-sett ta' għodod

Dan is-sett ta' għodod tal-komunikazzjoni huwa riżorsa Prattika biex tgħinek tippromwovi l-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali fost il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku usa' madwar l-Ewropa.

Billi tuża l-materjali f'dan is-sett ta' għodod, tista' tgħin biex tikkomunika b'suċċess il-benefiċċji u l-opportunitajiet tal-ETV.

Inti tista' tikkontribwixxi għall-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali jekk int, jew tirrappreżenta:

- Student, jew għalliem jew ħarrieġ tal-ETV
- Assoċjazzjoni taż-żgħażaġh jew tal-istudenti
- Fornitur tat-taħriġ u tal-edukazzjoni vokazzjonali
- Organizzazzjoni tat-tagħlim għall-adulti
- Negozju jew kumpanija inkluż SME
- Servizz tal-impjieg privat jew pubbliku
- Riċerkatur
- Konsulent tal-karrieri
- Assoċjazzjonijiet tal-ġenituri
- Awtorità lokali/reġjonali/nazzjonali
- Sħab soċjali
- Grupp ieħor b'interess fl-ETV

L-objettivi tal-Ġimgħa

Il-kampanja dwar il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali timmira li:

- Turi l-għadd kbir ta' opportunitajiet li l-ETV jista' jipprovdi liż-żgħażaġh u lill-adulti biex "jiskopru t-talenti tagħhom" permezz ta' offerti ta' ETV ta' kwalità;
- Tgħin lill-kumpaniji jirrealizzaw il-potenzjal enormi u l-benefiċċji tal-investiment fir-riżorsi umani permezz tal-involviment fil-provvista ta' ħiliet inizjali għaż-żgħażaġh kif ukoll it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-adulti;
- Tiżviluppa u tqajjem kuxjenza dwar il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali, filwaqt li tibni fuq is-suċċess tal-kampanji għall-2016 u għall-2017.

MESSAĠĠI EWLENIN U KIF TUŻAHOM

Hawn se ssib il-messaġġi ewlenin b'mod ġenerali għall-komunikazzjoni dwar il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali. Hemm ukoll slogans speċifiċi addizzjonali ddisinjati biex jappellaw għal diversi gruppi fil-mira.

Dawn il-messaġġi jiġbru fil-qosor dak li nixtiequ ngħidu lin-nies dwar l-ETV. Int tista' tuża l-messaġġi ewlenin bħala ispirazzjoni għal meta tkun qed taħseb dwar liema tip ta' avveniment se torganizza, il-promozzjoni tal-avveniment tiegħek jew tal-Ġimgħa, it-tnejjija ta' preżentazzjonijiet, il-kitba ta' posts tal-midja soċjali eċċ.

L-użu tal-messaġġi ewlenin jsaħħaħ l-impatt tal-Ġimgħa u l-promozzjoni tal-ETV madwar l-Ewropa. Jekk il-messaġġi tagħna jkunu mħallta, l-impatt jintilef, iżda l-messaġġi ewlenin jgħinu lill-kampanji titkellem b'vuċi waħda:

- Kull persuna għandha talent. Moħbi jew evidenti, ħalli l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jgħinuk tiskopri t-talent tiegħek;
- L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huwa mogħdija li inti tista' tħossok kburi biha, u li tista' ssegwi, waqt li taf li hija ta' benefiċċju għall-futur tiegħek;
- L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huwa għażla għaqlija, divertenti, u twassal għal impjegji ta' kwalità għolja u kapaċità għall-impjeg akbar;
- Hemm opportunitajiet ta' taħriġ vokazzjonali kbar li jhejjuk b'suċċess għal karrieri interessanti u ta' sfida, kif ukoll għall-involviment attiv fis-soċjetà;
- Qatt mhux tard, l-edukazzjoni vokazzjonali hija alternattiva attraenti għal nies ta' kull età, u studenti adulti mal-Ewropa kollha u fil-bqija tad-dinja wkoll huma involuti f'korsijiet vokazzjonali;
- It-tagħlim tul il-ħajja jwassal għal kapaċità għall-impjeg akbar, żvilupp personali aħjar u inklużjoni soċjali;
- L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jipprovdi lill-istudenti b'ħiliet li jaqblu mal-ħtiġijiet tal-impjegaturi u tal-kumpaniji;
- L-investment fit-taħriġ edukazzjonali vokazzjonali jfisser investment f'riżorsi umani ta' kwalità għall-preżent u għall-futur.

Kif tinvolti ruġek

Organizzazzjonijiet, kumpaniji u individwi involuti b'mod attiv fil-kampanja huwa dak li se jagħmel lill-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali 2018 suċċess veru. Jekk int involut fl-ETV fit-28 Stati Membri tal-UE, fiż-ŻEE u fil-pajjiżi kandidati tal-UE u tixtieq tgħin biex l-ETV isir magħruf aktar, hemm ħafna modi kif tista' tappoġġja l-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali.

ATTENDI AVVENIMENT JEW IPPARTEĊIPA F'ATTIVITÀ

Int tista' tattendi waħda mill-ħafna attivitajiet li qed jiġu organizzati matul il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali. Qed isseħħ firxa sħiħa ta' avvenimenti madwar l-Ewropa, u lil hinn minnha. Dawn jinkludu jiem tal-karriera u fieri tal-edukazzjoni, sessjonijiet ta' ħidma u konferenzi, jiem għall-pubbliku, kompetizzjonijiet u ljieli ta' informazzjoni f'kumpaniji u fornituri tal-ETV.

Anke jekk int ma tkunx tista' tattendi wieħed mill-avvenimenti, xorta tista' tipparteċipa f'numru ta' kompetizzjonijiet jew tikkontribwixxi fil-promozzjoni tal-ETV b'xi mod ieħor. Tista' tiċċekkja l-avvenimenti fuq [is-sit web](#) biex tara jekk hemmx xi attività li qed tiġi pplanata qrib tiegħek.

ORGANIZZA AVVENIMENT

Int tista' torganizza l-avveniment jew l-attività tiegħek bħala parti mill-Ġimgħa Ewropea għall-Fiiliet Vokazzjonali u ssir parti minn netwerk kbir ta' individwi u organizzazzjonijiet li jippromwovu l-ETV.

Avvenimenti u attivitajiet irreġistrati se jiġu komarkati bl-użu tal-istil viżiv tal-Ġimgħa. Dawn se jkollhom aċċess għall-materjali promozzjonali u jibbenefikaw minn esponiment akbar jekk jiġu inklużi fis-sit web tal-Ġimgħa Ewropea għall-Fiiliet Vokazzjonali.

Int tista' torganizza varjetà wiesgħa ta' avvenimenti u attivitajiet u tiżgura li l-attività tiegħek tkun imfassla għall-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni tiegħek u r-riżorsi għad-disponibbiltà tiegħek. Xi ideat jinkludu jem għall-pubbliku, turs, seminars, sessjonijiet ta' ħidma, wirjiet, għoti ta' premijiet lill-impjegati, kompetizzjonijiet u kwizzijiet. Tista' torganizza wkoll avveniment onlajn bħal chat fuq Twitter jew avveniment Facebook Live.

Sabiex tirreġistra bħala parti mill-Ġimgħa Ewropea għall-Fiiliet Vokazzjonali, l-avveniment tiegħek irid:

- Jittella' (f' Settembru jew wara) jew matul il-Ġimgħa Ewropea għall-Fiiliet Vokazzjonali, (u mhux aktar tard minn lejn l-aħħar ta' Diċembru 2018);
- Jirrifletti l-impenn tiegħek lejn l-eċċellenza fit-tagħlim ETV u/jew għall-adulti;
- Jimmira li jtejjeb id-dehra, l-attrazzjoni u l-kwalità tal-ETV;
- Jinvolvi lill-istudenti u lill-partijiet ikkonċernati tagħhom;
- Jekk possibbli, jipprovi informazzjoni dwar eżiti pożittivi (eż. f' termini ta' interess akbar fi programmi tal-ETV minn studenti potenzjali, kapaċità għall-impjieg, eċċ.).

Ladarba tippjana l-attività tiegħek, il-pass li jmiss ikun li timla l-Formola ta' Reġistrazzjoni. L-avvenimenti u l-aktivitajiet kollha rreġistrati se jiġu analizzati sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni kollha meħtieġa tkun disponibbli u li l-attività tkun tiffoka fuq il-Ġimgħa. Int tiġi kkuntattjat/a għal kjarifika ulterjuri jew b'konferma li l-avveniment tiegħek ġie miżjud fuq is-sit web tal-Ġimgħa Ewropea għall-Fiiliet Vokazzjonali.

Xerred il-kelma

Midja soċjali

Tista' tinvolvi ruħek billi tippromwovi l-Ġimgħa permezz tan-netwerks u l-istazzjonijiet tiegħek. Se jkun hemm firxa sħiħa ta' kontenut prodott mill-Ġimgħa Ewropea għall-Fiiliet Vokazzjonali inklużi vidjos, infografika, fuljetti, vidjos u ritratti. Dawn il-materjali huma ideali għall-qsim ta' avvenimenti kif ukoll permezz tal-midja soċjali. Int tista' toħloq ukoll u taqşam il-kontenut tiegħek bħal vidjos, ritratti u kwotazzjonijiet mill-avvenimenti u mill-aktivitajiet tiegħek.

Tista' tuża l-hashtag tal-Ġimgħa #EUVocationalSkills, li tista' tiġi kkumplementata b'#DiscoverYourTalent; jew tista' titteggja l-profil tal-midja soċjali tagħna sabiex inkunu konxji tal-posts tiegħek u nkunu nistgħu ngħinuk tagħti spinta lill-profil tal-organizzazzjoni tiegħek permezz ta' netwerk tal-ETV usa' madwar l-Ewropa. (Kun ċert li l-kontenut li taqşam jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-UE u nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Awtur.)

Profili u hashtags tal-midja soċjali relatati ma' ETV tal-Kummissjoni Ewropea:

Twitter @EU_social @EuropeanYouthEU #EUVocationalSkills #DiscoverYourTalent

Facebook @socialeurope, @EuropeanYouthEU

Ikkuntattja lill-ġurnalisti

Il-midja tradizzjonali tista' tkun interessata wkoll fl-avveniment jew fl-attività tiegħek u f'dak li għandek xi tgħid dwar l-ETV fil-kuntest tal-Ġimgħa. Int tista' tikkuntattja lil ġurnalisti biex tara jekk humiex interessati biex jiktbu dwar jew jattendu l-avveniment tiegħek. Huma jistgħu jkunu interessati wkoll li jintervistaw lil xi fiadd mill-organizzazzjoni tiegħek minħabba żieda fl-interess fis-suġġett li jinholq mill-Ġimgħa.

Mistoqsijiet frekwenti

Meta għandha ssir din l-attività?

L-avvenimenti u l-attivitàjiet jenħtieġ li jsiru qabel u matul il-Ġimgħa Ewropea għall-Fliliet Vokazzjonali nnifisha (minn Settembru sa tmiem Diċembru 2018).

Hemm sussidji disponibbli?

Le - il-Kummissjoni Ewropea qed tipprovdi assistenza in natura billi tippromwovi avvenimenti permezz tal-midja soċjali u toħloq oġġetti promozzjonali bħal fuljetti u posters, li int tista' tipprintja lokalment għall-avveniment tiegħek. Oġġetti promozzjonali bħal t-shirts u pinen se jkunu disponibbli wkoll. Int tista' tissottometti talba għal oġġetti promozzjonali tal-Ġimgħa Ewropea għall-Fliliet Vokazzjonali mis-16 ta' Ottubru 'l quddiem. Jekk jogħġbok ibgħat email lil info@vocationalskillsweek.eu biex tirreġistra jekk tkun interessat tirċievi oġġetti promozzjonali għall-avveniment tiegħek.

Jien għandi xi mistoqsijiet oħra, lil min nista' nikkuntattja?

Tista' tibgħat email lill-uffiċċju tal-informazzjoni tal-Ġimgħa fuq info@vocationalskillsweek.eu jew iċċemplilna fuq +44 (0)207 444 4264. Aħna disponibbli wkoll fuq [Yammer](#) fejn inwieġbu l-mistoqsijiet tiegħek kollha.

Riżorsi utli

Il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi sħab u partijiet ikkonċernati b'sett ta' settijiet ta' għodod u materjali promozzjonali tal-Ġimgħa Ewropea għall-Fliliet Vokazzjonali li jistgħu jiġu adattati biex jappoġġjaw l-attivitàjiet ta' komunikazzjoni fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, u li kollha kemm huma se jkunu disponibbli biex jitniżżlu mis-sit web:

- Sett ta' għodod ta' Komunikazzjoni
- Gwida tal-organizzatur tal-avveniment, f'24 lingwa
- Fuljett Introdutturju, f'24 lingwa
- Sett ta' għodod tal-midja soċjali
- Sett ta' għodod dwar ir-relazzjonijiet tal-midja
- Poster, f'24 lingwa
- Materjali awdjoviżwali - vidjos u stampi
- Infografika

Ikkuntattjana

Aħna bi pjaċir ngħinuk rigward kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollok dwar l-attivitàjiet tal-kampanja tiegħek.

Email: info@vocationalskillsweek.eu

Telefon: +44 (0)207 444 4264

Yammer: <http://bit.ly/EVSWYammer>

Twitter: @EU_social @EuropeanYouthEU #EU VocationalSkills #DiscoverYourTalent

Facebook: @socialeurope, @EuropeanYouthEU